# Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti 2019

## Rapport Annwali tal-Parlament Ewropew

**Unità tat-Trasparenza**
Direttorat Ġenerali għall-Presidenza
Parlament Ewropew
*April 2020*

## DAĦLA

Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni ilhom japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti fil-pussess tagħhom sa mit-3 ta' Diċembru 2001.

Skont l-Artikolu 17(1) ta' dak ir-Regolament, kull istituzzjoni għandha tippubblika ta' kull sena rapport għas-sena ta' qabel inklużi n-numru ta' każijiet fejn l-istituzzjoni rrifjutat li tagħti aċċess għal dokumenti, ir-raġunijiet għal dawn ir-rifjuti u n-numru ta' dokumenti sensittivi mhux reġistrati fir-reġistru.

Skont l-Artikolu 122(6) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, il-Bureau tal-Parlament għandu jadotta r-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

## DWAR IL-METODOLOĠIJA

Ir-rapport annwali tal-2019 tal-Parlament huwa mħejji abbażi tal-metodoloġija li ġejja:

- Ċifri dwar id-dokumenti kkonsultati u mitluba jirreferu għal dokumenti speċifikati biss;
- Id-deċiżjonijiet ta' aċċess parzjali jingħaddu bħala reazzjonijiet pożittivi;
- Applikazzjonijiet konfermatorji jistgħu jkunu relatati ma' deċiżjonijiet inizjali li jirrifjutaw l-aċċess jew ma' deċiżjonijiet inizjali li jagħtu aċċess parzjali;
- Huwa l-jum ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni inizjali li jiddetermina s-sena tal-applikazzjoni konfermatorja korrispondenti.

# INDIĊI


*Sommarju Eżekuttiv* ........ *4*

*KAPITOLU I Applikazzjonijiet għal aċċess għad-dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fl-2019* ........ *5*

A) Ir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament ........ 5

B) Dokumenti kkonsultati u mitluba ........ 6

B.1) Dokumenti kkonsultati direttament ........ 6

C) Ċifri dwar l-applikazzjonijiet ........ 7

D) Il-profili tal-applikanti ........ 10

*KAPITOLU II Tendenzi u kwistjonijiet speċifiċi* ........ *12*

A) L-applikazzjonijiet li jikkonċernaw l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ........ 12

B) Id-definizzjoni wiesgħa ta' dokumenti u applikazzjonijiet "kumplessi" ........ 12

C) Pjattaformi online għal aċċess għad-dokumenti u l-protezzjoni tad-data personali 14

*KAPITOLU III Ilmenti ppreżentati lill-Ombudsman Ewropew u kawżi tal-Qorti* ........ *15*

A) L-Ombudsman ........ 15

A.1) Każijiet ta' lmenti magħluqa fl-2019 ........ 15

A.2) Każijiet ta' lmenti miftuħa u pendenti fl-2019 ........ 18

B) Stħarriġ ġudizzjarju ........ 18

B.1) Kawżi ġodda ........ 18

B.2) Kawżi pendenti tal-Qorti fl-2019 ........ 18

Il-Kawża T-421/17 (il-Kawża tal-Appell C-761/18 P) , Leino-Sandberg vs il-Parlament 18

*Osservazzjonijiet finali* ........ *19*

# Ir-Rapport Annwali tal-Parlament Ewropew dwar l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti - 2019 (L-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001)

## *Sommarju Eżekuttiv*

*Ċifri*

- Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-bażi tad-data tar-reġistru kien fiha 776 627 referenza, meta mqabbla mas-748 100 sal-aħħar tas-sena ta' qabel.
- Fl-2019, l-utenti tas-sit web tar-reġistru pubbliku tal-Parlament ikkonsultaw 67 029 dokument direttament permezz tar-reġistru. Matul l-istess perjodu, il-Parlament irċieva, permezz ta' formola ta' applikazzjoni online, b'email jew b'ittra, 645 applikazzjoni, żieda ta' 30 % meta mqabbel mal-2018.
- Mis-645 applikazzjoni, 101 involvew dokumenti li preċedentement ma ġewx żvelati lill-pubbliku.
- Fl-2019, ir-rata globali tar-reazzjonijiet pożittivi qabżet it-93 %.
- Il-Parlament irrifjuta l-aċċess f'44 każ, l-aktar b'rabta ma' applikazzjonijiet għal dokumenti amministrattivi u dokumenti relatati mal-Membri tal-Parlament Ewropew u mal-organi ta' tmexxija tiegħu.
- Fi 13-il każ, il-Parlament ta aċċess parzjali għad-dokumenti mitluba.

*Tendenzi*

- L-applikanti wrew interess qawwi fid-dokumenti relatati mal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew li saru f'Mejju 2019. Barra minn hekk, kien hemm żieda fl-applikazzjonijiet ippreżentati permezz ta' pjattaformi online, bħal AsktheEU.org u FragDenStaat.de.
- Bi ħmistax-il applikazzjoni konfermatorja matul is-sena, ir-rata ta' applikazzjonijiet konfermatorji żdiedet ftit meta mqabbel mal-2018.

## KAPITOLU I

***Applikazzjonijiet għal aċċess għad-dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fl-2019***

Iċ-ċifri u l-istatistika diskussi f'din it-taqsima jippermettu l-identifikazzjoni ta' tendenzi fil-qasam tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti. Jagħtu wkoll lill-pubbliku stampa wiesgħa tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 mill-Parlament.

### *A) Ir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament*

Ir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament ġie stabbilit fl-2002 bil-għan li tkompli tiżdied it-trasparenza u jsir aktar faċli għall-pubbliku biex jaċċedi għad-dokumenti tal-istituzzjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Huwa jiġbor referenzi għal dokumenti direttament aċċessibbli, l-aktar dokumenti leġiżlattivi, u, fejn possibbli, kategoriji oħra ta' dokumenti. Jospita wkoll portal għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti li mhumiex direttament aċċessibbli.

Is-sit web tar-reġistru ġie mġedded biex isir aktar faċli għall-utent. It-tqassim ġie allinjat mal-linji gwida l-ġodda tas-sit web tal-Parlament, is-sit web ġie mgħammar b'magna tat-tiftix ġdida u ngħatat aktar viżibbiltà lid-dikjarazzjoni ta' privatezza tiegħu. Din tal-aħħar ġiet adattata bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2018/1725[1] dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

B'żieda ta' kważi 4 % meta mqabbel mas-sena ta' qabel, sal-31 ta' Diċembru 2019, in-numru ta' referenzi tad-dokumenti fil-bażi tad-data tar-reġistru laħaq is-776 627 (li, meta jitqiesu l-bosta verżjonijiet lingwistiċi, b'kollox jirrappreżentaw 4 921 950 dokument). Fir-reġistru pubbliku, fit-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, ma ġie rreġistrat l-ebda dokument sensittiv.

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(*Fig. 1*) ***Evoluzzjoni tar-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament***




### *B) Dokumenti kkonsultati u mitluba*[2]

Kważi d-dokumenti kollha fir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament jistgħu jitniżżlu direttament mis-sit web, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li jipprevedi li l-istituzzjonijiet għandhom, kemm jista' jkun, jagħmlu d-dokumenti tagħhom direttament aċċessibbli. Id-dokumenti li ma jistgħux jiġu kkonsultati direttament, jistgħu jsiru disponibbli fuq talba permezz tal-formola ta' applikazzjoni online[3] jew b'email.

### *B.1) Dokumenti kkonsultati direttament*

Fl-2019, 67 029 dokument ġew ikkonsultati direttament fuq is-sit web tar-reġistru pubbliku tal-Parlament. Ta' min jinnota li dik iċ-ċifra ma tqisx il-konsultazzjonijiet permezz ta' pjattaformi oħra marbuta mal-bażi tad-data tar-reġistru, bħall-pjattaformi tal-kumitati parlamentari u l-paġni web tal-Gruppi ta' Riflessjoni tal-Parlament.

L-aktar dokumenti kkonsultati ta' spiss isegwu l-mudell tas-snin preċedenti: mistoqsijiet parlamentari għal tweġiba bil-miktub skont l-Artikolu 138 tar-Regoli ta' Proċedura (10 %), tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari (19 %), dokumenti li waslu mill-Kummissjoni Ewropea (4 %) u minuti (4 %).

[2] Dawn iċ-ċifri jirreferu għad-dokumenti speċifikati biss.
[3] https://www.secure.europarl.europa.eu/RegistreWeb/requestdoc/secured/form.htm?language=MT

(*Fig. 2*) ***Numru ta' dokumenti kkonsultati fuq ir-reġistru pubbliku tas-sit web tad-dokumenti tal-Parlament***




## C) Ċifri dwar l-applikazzjonijiet

Fl-2019, il-Parlament irċieva 645 applikazzjoni permezz tal-portal ta' applikazzjoni online, b'email jew b'ittra. 446 minnhom ikkonċernaw dokumenti speċifikati, filwaqt li 199 ikkonċernaw numru indefinit ta' dokumenti. Skont il-Memorandum ta' Qbil[4], il-Parlament ikkonsulta istituzzjonijiet oħra fir-rigward ta' 14 mis-645 applikazzjoni u ġie kkonsultat minn istituzzjonijiet oħra fir-rigward ta' 8 applikazzjonijiet li kienu rċevew.

Kważi 30 % tal-applikazzjonijiet kollha rċevuti matul is-sena talbu l-aċċess pubbliku jew għad-"*dokumenti kollha relatati ma*" suġġett partikolari jew "*id-dokumenti kollha li fihom informazzjoni dwar*" tema partikolari. L-ipproċessar ta' dawn l-applikazzjonijiet normalment jieħu ħafna aktar ħin.

Mis-645 applikazzjoni rċevuti fl-2019, il-Parlament wieġeb b'mod pożittiv f'601 każ. Din iċ-ċifra tinkludi 13-il każ li fihom l-aċċess għad-dokumenti mitluba ngħata b'mod parzjali. Dan jaqbeż it-93 % tat-tweġibiet pożittivi.

[4] Il-Memorandum ta' Qbil konkluż mis-servizzi tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni sabiex il-konsultazzjonijiet jiġu ġestiti malajr skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

(*Fig. 3*) ***Numru ta' applikazzjonijiet u tweġibiet pożittivi***




Mis-645 applikazzjoni, 101 involvew dokumenti li preċedentement ma ġewx żvelati lill-pubbliku. Dawk il-101 applikazzjoni kienu jinvolvu l-iżvelar ta' 577 dokument ta' dan it-tip, li jirrappreżentaw żieda ta' 48 % meta mqabbel mal-2018.

Il-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet għal dokumenti li ma ġewx żvelati qabel kienu jikkonċernaw negozjati ta' trilogu (30 %), dokumenti amministrattivi (20 %) u dokumenti relatati mal-attivitajiet tal-Membri (18 %).

(*Fig. 4*) ***Numru ta' applikazzjonijiet għal dokumenti li preċedentement ma ġewx żvelati u tweġibiet pożittivi***



Fl-2019, is-Segretarju Ġenerali ħa 57 deċiżjoni skont l-Artikolu 12(3) tad-Deċiżjoni tal-Bureau dwar ir-regoli li jirregolaw l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew[5], li fihom l-aċċess kellu jiġi rrifjutat u ngħata aċċess parzjali, rispettivament, f'44 u fi 13-il każ.

Is-57 deċiżjoni kienu jikkonċernaw varjetà wiesgħa ta' suġġetti u dokumenti. Mill-44 deċiżjoni ta' rifjut, 14 kienu jikkonċernaw, mill-inqas parzjalment, dokumenti li ma kinux miżmuma mill-Parlament fit-tifsira tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) 1049/2001. Id-dokumenti tal-organi ta' tmexxija tal-Parlament kienu jinvolvu disa' każijiet u d-dikjarazzjonijiet ta' interessi finanzjarji jew l-ispejjeż tal-Membri tal-Parlament Ewropew kienu jinvolvu tmien każijiet. L-aċċess għad-dokumenti ta' akkwist pubbliku ġie rrifjutat f'ħames każijiet. Ħamsa mit-13-il deċiżjoni ta' aċċess parzjali kienu jikkonċernaw xi dokumenti mill-organi ta' tmexxija tal-istituzzjoni. Id-dokumenti amministrattivi u l-opinjonijiet ġuridiċi kienu t-tnejn li huma kkonċernati fi tliet każijiet.

Kien hemm 14-il applikazzjoni konfermatorja[6]. F'kull każ, l-Istituzzjoni kkonfermat il-pożizzjoni inizjali tagħha.

Ir-rifjuti, li xi drabi kienu bbażati fuq diversi eċċezzjonijiet, kienu prinċipalment ibbażati fuq il-ħtieġa li jiġu protetti l-privatezza u l-integrità tal-individwi (l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001), il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjoni (l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001), l-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika (l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001) u l-protezzjoni tal-parir legali (it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001).

*(Fig. 5)* ***Użu ta' eċċezzjonijiet skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001***




[5] Id-Deċiżjoni tal-Bureau tat-28 ta' Novembru 2001 dwar ir-regoli li jirregolaw l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew (ĠU C 216, 22.7.2011, p. 19).

[6] Applikazzjonijiet konfermatorji jistgħu jsiru fir-rigward ta' rifjuti totali jew parzjali li jitolbu lill-istituzzjoni terġa' tikkunsidra l-pożizzjoni tagħha (Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001).

Bħala konklużjoni, ir-rata ta' rispons pożittiv globali tal-Parlament baqgħet għolja ħafna, b'aktar minn 93 %.

### D) Il-profili tal-applikanti[7]

L-akkademiċi u r-riċerkaturi għadhom jirrappreżentaw l-akbar sehem ta' applikanti b'aktar minn 25 % tal-applikanti li jappartjenu għal din il-kategorija, segwiti mis-settur tan-negozju, l-organizzazzjonijiet ambjentali u rappreżentanti oħra ta' interess, li flimkien jammontaw għal madwar 12 % tal-applikazzjonijiet. Fl-2019, il-ġurnalisti ammontaw biss għal 5 % tal-applikanti.

(Fig. 6) ***Profili magħrufa tal-applikanti għal aċċess pubbliku għad-dokumenti fl-2019***




Id-distribuzzjoni ġeografika tal-applikazzjonijiet fost l-Istati Membri, sa fejn il-Parlament ġie mgħarraf biha, inbidlet ftit. Madwar 24 % tal-applikazzjonijiet oriġinaw fil-Ġermanja, segwiti minn Spanja (10 %), Franza (9 %), il-Belġju/l-Italja (7 % kull wieħed) u r-Renju Unit (5 %). In-numru ta' applikazzjonijiet minn pajjiżi terzi ammontaw għal madwar 7 % tat-total.

[7] Id-data dwar il-profili tal-applikanti qiegħda tingħabar fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-applikanti fl-applikazzjonijiet tagħhom. Madankollu, peress li r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma jirrikjedix li l-applikanti jipprovdu informazzjoni dwar l-identità tagħhom, ċertu numru ta' applikanti fil-fatt jagħżlu li ma jiżvelawx l-impjieg tagħhom; dan huwa l-każ b'mod partikolari għall-applikazzjonijiet ippreżentati b'email.

(*Fig. 7*) ***Distribuzzjoni ġeografika***




(*Fig. 8*) ***Distribuzzjoni lingwistika***




L-Ingliż baqa' l-ilsien l-aktar użat għall-applikazzjonijiet (52 %), segwit mill-Ġermaniż (21 %), il-Franċiż (11 %) u l-Ispanjol (5 %).

**KAPITOLU II**
***Tendenzi u kwistjonijiet speċifiċi***

***Is-sena 2019 kienet ikkaratterizzata minn numru sinifikanti ta' applikazzjonijiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti relatati mal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li saru f'Mejju. Kien hemm ukoll żieda fl-applikazzjonijiet ippreżentati permezz ta' pjattaformi online. Dawk il-pjattaformi jiffaċilitaw il-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet u, billi jipprovdu mudelli, iżidu l-probabbiltà ta' numru kbir ta' dokumenti li jkunu koperti mit-talba.***

***A) L-applikazzjonijiet li jikkonċernaw l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew***

L-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew isiru kull ħames snin – fl-2019, bejn it-23 u s-26 ta' Mejju – u normalment iwasslu għal żieda fl-interess tal-pubbliku fil-Parlament Ewropew, b'mod partikolari fl-attivitajiet tiegħu relatati mal-elezzjoni stess. Dan il-fatt ġie rifless ukoll fl-applikazzjonijiet għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti. B'mod partikolari, l-applikanti fittxew aċċess għal dokumenti relatati mal-kampanja elettorali tal-Parlament "Did-darba se nivvota", imnedija biex tqajjem kuxjenza demokratika u tħeġġeġ lill-Ewropej jivvutaw. Ftit wara l-elezzjonijiet, id-dokumenti li jikkonċernaw in-notifiki tar-riżultati uffiċjali u n-numru ta' voti li rċieva kull partit politiku ntalbu ta' spiss.

***B) Id-definizzjoni wiesgħa ta' dokumenti u applikazzjonijiet "kumplessi"***

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, skont l-Artikolu 2(3) tiegħu, japplika biss għad-dokumenti miżmuma minn istituzzjoni, jiġifieri, dokumenti li fasslet jew li rċeviet u li qegħdin fil-pussess tagħha. Madankollu, skont l-Artikolu 3(a) ta' dak ir-Regolament, dokument ifisser kull kontenut, ikun liema jkun il-medju tiegħu (miktub fuq karta jew reġistrat f'forma elettronika jew bħala reġistrazzjoni, ta' ħoss, viżiv jew awdjoviżiv) dwar kwistjoni dwar il-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet li jaqgħu fl-isfera ta' responsabbiltà tal-istituzzjoni. Barra minn hekk, kif stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti") f'ġurisprudenza stabbilita, l-informazzjoni kollha li tista' tiġi estratta minn bażi tad-data elettronika b'użu ġenerali permezz ta' għodod ta' tiftix ipprogrammati minn qabel trid titqies bħala dokument eżistenti.

Bir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 li jagħti definizzjoni ta' dokumenti daqshekk wiesgħa u l-ebda konfini limitattivi għal liema l-applikanti jistgħu jitolbu, il-Parlament qed jiffaċċja varjetà wiesgħa ta' applikazzjonijiet. Parti kbira mill-applikanti ma jitolbux aċċess pubbliku għal dokumenti speċifiċi u referenzjati iżda jitolbu aċċess għall-kontenut. It-trattament ta' dawn it-tipi ta' applikazzjonijiet jista' xi drabi jkun aktar kumpless u jitlob ħafna riżorsi. Sabiex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet għall-kontenut, qabel ma jiġi vvalutat jekk il-kontenut mitlub għandux jiġi żvelat jew le, il-Parlament ta' spiss ikollu bżonn jistabbilixxi jekk, jew sa liema punt, il-kontenut mitlub ikunx fil-fatt miżmum bħala dokument mill-istituzzjoni. Dan il-proċess spiss jirrikjedi l-involviment ta' diversi fergħat tal-amministrazzjoni u eżami sodisfaċenti tar-regoli kif interpretati mill-Qorti.

***B.1) Applikazzjonijiet għal aċċess pubbliku għal kontenut ġeneriku u pjattaformi online***

Il-Parlament jirċievi sehem dejjem akbar ta' applikazzjonijiet għal aċċess għal kontenut ġeneriku, li tipikament jiġu fformulati bħala talbiet għal aċċess għad-dokumenti kollha li fihom informazzjoni dwar ċertu suġġett. Dan huwa parzjalment dovut għall-popolarità dejjem tikber tal-pjattaformi online mfassla biex jiffaċilitaw il-proċess ta' ksib ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti, u li jipprovdu mudell biex jintalab aċċess għal dokumenti ġeneriċi dwar ċertu suġġett li għandu jintbagħat mill-applikant. Dawn il-mudelli jżidu l-probabbiltà ta' numru kbir ta' dokumenti li jkunu koperti mit-talba.

.

Meta jittratta talba għal kontenut ġeneriku, il-Parlament ħafna drabi jkollu jagħmel konsultazzjoni interna estensiva sabiex jiddetermina liema dokumenti rilevanti huma miżmuma mill-istituzzjoni, kif ukoll jikkuntattja lill-applikant skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 sabiex jiċċara t-talba u jassistih(a) meta jagħmel/tagħmel dan.

Barra minn hekk, l-użu dejjem akbar ta' formulazzjonijiet wiesgħa f'applikazzjonijiet bħat-talba tad-dokumenti kollha li fihom informazzjoni varja jżid il-probabbiltà li l-applikanti jitolbu mill-inqas parzjalment aċċess għall-informazzjoni li ma tkunx tinsab f'dokument eżistenti, u, fl-aħħar mill-aħħar, jitolbu aċċess għal informazzjoni aktar milli għal dokument. F'dan ir-rigward, meta jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet ippreżentati skont ir-Regolament (KE) 1049/2001, il-Parlament jeħtieġ li jagħmel distinzjoni essenzjali. Kif ikkonfermat mill-Qorti, jeħtieġ, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li tinżamm distinzjoni bejn il-kunċett ta' dokument u dak ta' informazzjoni. Filwaqt li r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jipprevedi aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament, ma jorbotx lill-istituzzjoni biex tipprovdi lill-applikanti b'kull informazzjoni li jkunu interessati fiha. Madankollu, xi kultant huwa diffiċli li dak li jkun jaqta' linja ċara bejn iż-żewġ kunċetti.

***B.2) Aċċess għal dokumenti li mhumiex miżmuma mill-Parlament (eżempju ta' ritratti tal-iskrin)***

Meta jiġu ttrattati applikazzjonijiet għal aċċess pubbliku għall-kontenut, għall-kuntrarju ta' dokumenti referenzjati, il-Parlament jeħtieġ li jivvaluta jekk fil-fatt għandux il-kontenut mitlub. Il-kompitu xi drabi ma jkunx daqstant sempliċi.

Fil-fatt darba minnhom, fl-2019 il-Parlament irċieva diversi applikazzjonijiet li jagħmlu referenza għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u li talbu ritratti tal-iskrin tal-analitika ta' Twitter fuq il-kontijiet ta' Twitter tal-Parlament. Sabiex jindirizzahom, il-Parlament ried jivvaluta x'kienet l-analitika mitluba u jekk kellux minnha fil-pussess tiegħu skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

F'dak il-każ ġie stabbilit li l-analitika mitluba kellha tiġi prodotta minn bażi tad-data li kienet ta' Twitter u li l-istituzzjoni ma kinitx fil-pussess tagħha, minkejja li għandha l-possibbiltà li taċċedi għaliha viżivament fuq l-iskrin. B'konsegwenza ta' dan, l-istituzzjoni rrifjutat l-aċċess għall-analitika parzjalment fuq il-bażi li l-informazzjoni mitluba ma kinitx maħżuna bħala dokument fis-sens tal-Artikolu 3(a) jew miżmuma b'mod ieħor mill-Parlament fis-sens tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

## *C) Pjattaformi online għal aċċess għad-dokumenti u l-protezzjoni tad-data personali*

Kif ġie nnutat hawn fuq, l-applikanti qegħdin dejjem aktar jużaw pjattaformi online biex jippreżentaw applikazzjonijiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti. Meta jużaw dawn il-pjattaformi, igawdu minn livell ogħla ta' anonimat fil-konfront tal-istituzzjonijiet peress li l-indirizzi tal-posta elettronika privati tagħhom mhumiex viżibbli għal dawk l-istituzzjonijiet. Minflok, l-applikazzjoni tintbagħat minn email iġġenerata speċifikament għal kull applikazzjoni individwali. Madankollu, l-applikazzjonijiet kollha ppreżentati permezz ta' pjattaformi bħal dawn kif ukoll il-komunikazzjoni u r-risposti rispettivi kollha mibgħuta mill-Parlament jiġu ppubblikati awtomatikament fuq is-siti web tagħhom.

F'dak ir-rigward, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data personali tal-applikant li jista' jkollha tiġi kkomunikata, il-Parlament inizjalment jibgħat lill-applikant konferma tar-riċevuta li fiha jinformah li s-sit web mhux affiljat mal-Parlament u jagħtih parir biex ma jiżvela l-ebda data personali permezz tal-użu tas-sit web, iżda minflok, jekk ikun xieraq, jikkuntattja direttament lill-Parlament. Dan huwa partikolarment rilevanti meta l-Parlament jitlob indirizz postali sabiex jinnotifika deċiżjoni lill-applikant.

**KAPITOLU III**
***Ilmenti ppreżentati lill-Ombudsman Ewropew u kawżi tal-Qorti***

Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew u proċeduri ġudizzjarji mressqa b'rabta mal-implimentazzjoni tal-Parlament tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jkunu opportunità għall-amministrazzjoni biex tirfina l-prattika tagħha fl-aċċess għal kwistjonijiet ta' dokumenti, indipendentement mill-eżitu tal-proċedura inkwistjoni. Dan il-kapitolu jirrapporta dwar il-każijiet ta' lmenti ttrattati mill-Ombudsman fl-2019 u kawża pendenti wara appell għand il-Qorti tal-Ġustizzja kontra Digriet mill-Qorti Ġenerali.

***A) L-Ombudsman***

***A.1) Każijiet ta' lmenti magħluqa fl-2019***

- Ilment 1651/2018

Il-Parlament irrifjuta l-aċċess pubbliku għad-dokumenti relatati mad-deliberazzjonijiet preliminari tal-Grupp ta' Ħidma tal-Bureau dwar ir-reviżjoni tal-lista ta' spejjeż li jistgħu jkunu koperti mill-Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali (GEA), fuq il-bażi li dan idgħajjef serjament il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Parlament, kif previst fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

L-Ombudsman irrakkomandat li d-dokumenti kkonċernati jiġu żvelati minħabba interess pubbliku prevalenti. Il-President informa lill-Ombudsman li l-Parlament ma qabilx mal-valutazzjoni, fid-dawl tal-ġurisprudenza stabbilita.

- Ilment 2089/2018

Dan l-ilment kien jikkonċerna applikazzjoni għal aċċess pubbliku għal rendikont tal-vjaġġi għal raġunijiet professjonali li saru mill-Membri tal-Parlament Ewropew. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 japplika biss għad-dokumenti eżistenti, jiġifieri għal dokumenti mfassla jew irċevuti minn Istituzzjoni u fil-pussess tagħha, u ma jirrikjedix li istituzzjoni tiġbor u tqabbel id-data sabiex tipprovdi lil applikant b'informazzjoni li hu jixtieq li jkollu aċċess għaliha. F'dan ir-rigward, il-Parlament iddetermina li ma għandux id-dokumenti mitluba mill-applikant.

Wara li ltaqgħet mas-servizzi involuti, l-Ombudsman qablet mal-valutazzjoni tal-Parlament u ma sabet l-ebda amministrazzjoni ħażina.

- Ilment 149/2019

Il-Parlament irrifjuta l-aċċess pubbliku għal dokumenti li juru l-ispejjeż u l-allowances li rċevew Membri Irlandiżi tal-Parlament Ewropew, fuq il-bażi li dan idgħajjef il-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu, b'mod partikolari skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, kif previst fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. L-applikant naqas milli jistabbilixxi n-neċessità, għal skop speċifiku fl-interess pubbliku, għat-trażmissjoni tad-data personali li tinsab fid-dokumenti mitluba, kif meħtieġ mill-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1725. Fir-rigward tal-bqija tal-

applikazzjoni, il-Parlament ma identifika l-ebda dokument ieħor peress li l-irkupru ta' dik id-data jkun jikkostitwixxi l-ħolqien ta' dokument ġdid li l-Parlament mhux meħtieġ li jagħmel.

L-Ombudsman qablet mal-valutazzjoni tal-Parlament dwar iż-żewġ elementi tal-ilment u ma sabet l-ebda amministrazzjoni ħażina.

- Ilment 595/2019

Il-Parlament irċieva applikazzjoni għal aċċess pubbliku għal tliet dokumenti relatati ma' Laqgħa Interparlamentari bejn l-Afrika t'Isfel u l-UE. Huwa ta aċċess sħiħ għal żewġ dokumenti u aċċess parzjali għat-tielet dokument, fuq il-bażi li l-iżvelar sħiħ tiegħu jdgħajjef il-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali, kif previst fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. L-applikant ressaq ilment kontra d-deċiżjoni tal-Parlament li jagħti aċċess parzjali, u argumenta wkoll kontra l-allegata estensjoni ħażina tal-iskadenzi, kemm fl-istadju inizjali kif ukoll f'dak konfermatorju.

L-Ombudsman eżaminat id-dokument ikkonċernat u kienet sodisfatta bl-argumenti tal-Parlament dwar l-aċċess parzjali. L-Ombudsman ikkonkludiet ukoll li r-raġunijiet mogħtija lill-applikant fir-rigward tal-estensjoni tal-iskadenza – jiġifieri, il-konsultazzjonijiet interni li għaddejjin mas-Servizz Legali u l-ħtieġa li d-deċiżjoni tiġi tradotta – kienu dettaljati u raġonevoli biżżejjed.

- Ilment 648/2019

Il-Parlament irrifjuta l-aċċess pubbliku għal opinjoni legali dwar is-sitwazzjoni kuntrattwali tal-għalliema tal-lingwi li jaħdmu fil-Parlament, fuq il-bażi li dan idgħajjef il-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji u tal-parir legali, kif previst fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. L-applikant, madankollu, iddikjara li kien hemm interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar tad-dokument mitlub.

Il-Parlament ma qabilx mal-fehma tal-applikant, u indika li l-iżvelar jista' jxekkel il-kapaċità tiegħu li jirċievi opinjonijiet legali ċari, oġġettivi u komprensivi fil-futur u li kellu riskju probabbli li jimmina l-kapaċità tiegħu li jiddefendi lilu nnifsu fil-qorti.

L-Ombudsman irrevediet id-dokument mitlub u, sodisfatta bl-argumenti tal-Parlament, waslet għall-konklużjoni li ma kien hemm l-ebda interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar tiegħu u, għalhekk, l-ebda amministrazzjoni ħażina.

- Ilment 1150/2019

L-ilment tressaq kontra d-deċiżjoni tal-Parlament li jagħti biss aċċess parzjali għal opinjoni legali dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament għall-perjodu 2019-2024 fil-każ li r-Renju Unit ma kienx formalment ħareġ mill-Unjoni sal-elezzjonijiet Ewropej, fuq il-bażi li żvelar sħiħ idgħajjef il-protezzjoni tal-parir legali, kif previst fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Il-Parlament enfasizza li fil-kuntest ta' kwistjoni ġuridika u politika kumplessa ħafna u mingħajr preċedent, l-iżvelar sħiħ tad-dokument ikkonċernat jaffettwa l-kapaċità tal-Parlament li jfittex parir simili dwar kwistjonijiet sensittivi oħra fil-proċeduri li għaddejjin dwar il-Brexit. Il-Parlament qies ukoll li ma kien intwera l-ebda interess pubbliku prevalenti.

L-Ombudsman ikkonkludiet li minħabba s-suġġett sensittiv ħafna tad-dokument u ċ-ċirkostanzi li kienu jeżistu fiż-żmien meta ġiet ippreżentata l-applikazzjoni u minħabba li ngħata aċċess parzjali, il-Parlament kien ġustifikat li jirrifjuta li jiżvela d-dokument kollu. Għalhekk l-Ombudsman ma sabet l-ebda amministrazzjoni ħażina.

- Ilment 1399/2019

Il-Parlament irċieva applikazzjoni għal aċċess pubbliku għad-dokumenti dwar il-missjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) tal-Parlament fl-Albanija, b'mod partikolari dawk relatati mal-użu ta' fondi tal-UE fl-Albanija u l-valutazzjoni tal-Kumitat CONT ta' dan l-użu. Il-Parlament identifika r-rapport dwar il-missjoni għall-missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni tal-Kumitat CONT bħala l-uniku dokument rilevanti għall-applikazzjoni tiegħu. Peress li l-applikant insista li għandhom jiġu identifikati u żvelati dokumenti oħra, il-Parlament wieġeb billi indika li ma kellu l-ebda dokument ieħor rilevanti.

L-Ombudsman innotat li l-Parlament ipprovda spjegazzjoni raġonevoli għaliex id-dokument ma kienx jeżisti, filwaqt li rrikonoxxa l-preżunzjoni ta' legalità u veradiċità, rikonoxxuta mill-ġurisprudenza stabbilita, mehmuża ma' dikjarazzjoni minn istituzzjoni tal-Unjoni li d-dokument ma jeżistix. Din il-preżunzjoni hija konfutabbli meta l-applikant jipprovdi provi rilevanti u konsistenti li d-dokument jeżisti, li l-applikant ma pprovdiex f'dan il-każ. L-Ombudsman ma sabet l-ebda amministrazzjoni ħażina.

- Ilment 1409/2019

Il-Parlament irrifjuta l-aċċess pubbliku għal numru kbir ħafna ta' dokumenti - mitluba b'34 email mibgħuta f'temp ta' 11-il jum - relatati ma' 13-il missjoni ta' kumitat speċifiku kif ukoll missjonijiet minn Membri tal-Parlament Ewropew f'112-il pajjiż. Minħabba n-numru kbir ta' dokumenti li jeħtieġ li jiġu riveduti għal kunsiderazzjonijiet ta' data personali, il-Parlament għamel kull ma seta' biex isib soluzzjoni ġusta mal-applikant, skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Madankollu, l-applikant ma qabilx mal-proposta tal-Parlament. Il-Parlament għalhekk ikkunsidra li t-trattament tat-talbiet kien jikkostitwixxi piż amministrattiv eċċessiv.

L-Ombudsman qablet mal-valutazzjoni tal-Parlament li r-reviżjoni tad-dokumenti, b'mod partikolari fir-rigward tad-data personali, tkun tabilħaqq sproporzjonata u għalhekk ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda amministrazzjoni ħażina.

### *A.2) Każijiet ta' lmenti miftuħa u pendenti fl-2019*

- Ilment 1498/2019

L-ilment kien jikkonċerna l-aħjar prattika tal-Parlament biex jinnotifika d-deċiżjonijiet tiegħu dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti lill-applikanti bil-posta rreġistrata b'konferma tar-riċevuta, bil-għan li tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt, anke bil-ħsieb li jiġu rispettati l-iskadenzi statutorji għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni konfermatorja u rimedju legali sussegwenti. F'dan il-każ partikolari, l-applikant talab li d-deċiżjoni tintbagħatlu wkoll elettronikament, permezz tal-pjattaforma FragDenStaat.de, li kien uża biex jagħmel l-applikazzjoni. Madankollu, il-Parlament irrifjuta li jagħmel dan sabiex jikkonforma mar-Regolament (UE) 2018/1725 peress li deċiżjoni bħal din kienet tiġi ppubblikata awtomatikament online, inkluża d-data personali li tinsab fid-deċiżjoni.

Il-Parlament ippreżenta l-osservazzjoni tiegħu lill-Ombudsman, li d-deċiżjoni tagħha għadha pendenti.

### *B) Stħarriġ ġudizzjarju*

### *B.1) Kawżi ġodda*

Id-deċiżjonijiet tal-Parlament dwar l-aċċess għal dokumenti relattivament rari jiġu kkontestati. Fl-2019 ma ġie ppreżentat l-ebda rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

### *B.2) Kawżi pendenti tal-Qorti fl-2019*

#### *Il-Kawża T-421/17 (il-Kawża tal-Appell C-761/18 P), Leino-Sandberg vs il-Parlament*

F'Lulju 2017, ġie ppreżentat rikors għall-annullament ġiet kontra d-deċiżjoni tal-Parlament li jirrifjuta aċċess pubbliku għad-deċiżjoni tal-Parlament tat-8 ta' Lulju 2015 fuq il-bażi li din id-deċiżjoni tal-aħħar kienet qed tiġi kkontestata quddiem il-Qorti, fil-kawża *T-540/15 - De Capitani vs il-Parlament*, u li l-iżvelar tagħha kien se jimmina dawk il-proċeduri ġudizzjarji.

Fl-2018, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li peress li r-rikorrent eventwalment ingħatat aċċess għad-dokument li talbet aċċess għalih, ir-rikors ma kienx għad għandu skop u r-rikorrent għalhekk ma kienx għad għandha interess fid-deċiżjoni dwar il-kawża.

Ir-rikorrent ippreżentat appell kontra dak id-Digriet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li fih affermat l-iżbalji tad-dritt li jinsabu fih, sal-punt li hija kienet tal-fehma li ma kienx għad hemm skop għall-azzjoni u li ma kienx għad hemm interess li jsir rikors. Il-Kawża ta' Appell għadha pendenti.

## *Osservazzjonijiet finali*

Kif previst fir-rapport tas-sena l-oħra, kien hemm interess akbar tal-pubbliku fl-elezzjonijiet Ewropej li saru bejn it-23 u s-26 ta' Mejju 2019, u b'mod partikolari fil-kampanja elettorali tal-Parlament "Did-darba se nivvota" u l-preżenza tagħha fuq il-midja soċjali. Kien hemm ukoll żieda fl-applikazzjonijiet li jfittxu aċċess għal numru indefinit ta' dokumenti, b'mod partikolari permezz ta' pjattaformi online. Dawk it-tipi ta' applikazzjonijiet joħolqu sfida biex l-applikant iwieġeb sew fil-limiti ta' żmien relattivament qosra previsti mir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Wieħed jista' josserva wkoll mill-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti ċerta tensjoni bejn ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li għandu l-għan li jiżgura livell għoli ta' trasparenza fl-istituzzjonijiet u r-Regolament (UE) 2018/1725, li jipproteġi kwalunkwe data personali li l-istituzzjonijiet ikollhom billi jirregola b'mod strett l-ipproċessar tagħha kif ukoll it-trażmissjonijiet possibbli ta' dik id-data lil partijiet terzi. Kull darba li tittratta applikazzjoni għal aċċess pubbliku għal dokumenti li jkun fihom data personali, l-amministrazzjoni tal-Parlament jeħtieġ li tilħaq bilanċ tajjeb bejn iż-żewġ regolamenti u l-objettivi tagħhom. Is-snin li ġejjin se jkomplu jsawru dak il-bilanċ.